TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Eric Grixti

vs

Channel Trade Marketing

CCT 87/18/MS

Illum 28 ta' Novembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-22 ta' Gunju 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' hames mija tmienja u tletin Euro (€538.00) prezz ta' saqqu mixtri minghand l-azjenda intimata, liema saqqu kien difettuz konsegwenza ta hjata hazina.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentata fil-11 ta' Lulju 2018 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent peress illi l-hsara grat esklussivament tort ta' uzu hazin mir-rikorrent meta s-saqqu gie mirfugh mit-topper u bil-piz tas-saqqu eventwalment inqala' t-topper minn mas-saqqu.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-7 ta' Ottubru 2014 ir-rikorrent xtara saqqu b'hames snin garanzija minghand l-azjenda intimata (Dok A u B) muddell Crown Plus ghal prezz ta' €538.00. Dana kellu jkun kopert b'garanzija ta' hames snin. Dana gie konsejnat f'Novembru tal-istess sena. Roseanne Cacciatolo, il-partner tar-rikorrent, tghid illi huma gew moghtija parir biex ma jpoggux fit-tarf tas-saqqu u meta jintrefa juzaw il-handles li hemm fil-genb. Cacciatolo tghid li osservaw dan il-parir izda b'danakollu, f'April 2018 (allura wara tlett snin u hames xhur ta' uzu) innutat li t-topper beda jinqala' u gie kollu gozz (Dok C). Wara illi r-rikorrent irraporta lill-azjenda intimata permezz ta' emails u ritratti, gie mgharraf li l-hsara kienet konsegwenza ta' *mishandling*. Ir-rikorrent insista li jigi xi hadd mill-azjenda u jara lis-saqqu u fil-fatt dan gie wara gimgha u l-istess ikkonkluda li kien kaz ta' *mishandling*. Kemm ir-rikorrent, kif ukoll Roseanne Cacciatolo jinnegaw illi huma

uzaw is-saqqu b'mod irregolari. Ir-rikorrent, min-naha tieghu, ikkonferma dak illi qalet Roseanne Cacciatolo u qa li meta kellem lir-rapprezentant tas-socjeta intimata li kien gie jara s-saqqu dan tal-ahhar qallu illi kellhom xi kaz iehor fejn is-sid kien ammetta tort u cjoe' li kien kaz ta' *mishandling.* Meta r-rikorrent staqsa jekk is-saqqu setax jitranga, ir-rapprezentant qallu li ma jistax.

Illi min-naha l-ohra Carmel Grixti, li ma identifikax ruhu f'liema kapacita' kien qed jixhed f'dawn il-proceduri pero' jidher li dan qed jaghmlu ghan-nom tas-socjeta' intimata, ikkonferma l-bejgh lir-rikorrent tas-saqqu in kwistjoni u l-korrispondenza li kien hemm bejniehthom -u cjoie bejn ir-rikorrent u Mary Josette Musu. Grixti spjega kif is-saqqu jigi manifatturat u kif kellu jintrefa'. Qal ukoll: "nassumi li s-saqqu jew gie *mishandled* min-naha ta' fuq mill-*handle u once* li jinqala' ma jistax jitranga ..." In kontro-ezami ammetta li m'ghandux provi kif dan is-saqqu gie *handled.* Il-konkluzjoni tieghu jidher li qed jibbazaha fuq assunzjoni meta ighid "nassumi mill-mod ta' kif inhu miftuh." Terga' u tghid ma kienx hu li ra s-saqqu jew li ippartecipa b'xi mod f'din it-transazzjoni. Stranament, ghalkemm il-garanzija hija ta hames snin, ighid ukoll li "wara sitt xhur ir-responsabbilta' hija tiehek."

Ikkunsidra

Illi l-unika haga certa illi hemm f'din il-kawza huwa l-fatt li r-rikorrent xtara saqqu minghand l-azjenda intimata ghal prezz ta' €538.00 b'hames snin garanzija. Wara kwazi tlett snin u nofs jidher illi dan is-saqqu beda jintrefa min-naha ta' fuq u jinqala' min-naha ta fuq. Gie esebit ritratt fejn jidher it-tarf merfugh u maqlugh mill-hjata tieghu. Ir-rikorrent ighid li huwa dejjem osserva l-istruzzjonijiet li gew moghtija lilu waqt il-bejgh. Min-naha l-ohra l-azjenda intimata "tassumi" li l-hsara grat minhabba *mishandling.* Carmel Grixti, illi xehed ghan-nom tal-azjenda intimata ma rax dan is-saqqu u l-anqas ma kien prezenti meta sar in-negozju jew f'xi hin wara. Jidher illi sar korrispondenza bejn ir-rikorrent u certa Mary Josette Musu, pero din tal-ahhar ma ngabitx biex tikkonferma o meno il-korrispondenza in kwistjoni. L-anqas ma ngab il-persuna illi allegatament marret ghand ir-rikorrent biex tara s-saqqu.

Ghalhekk minn dana kollu jidher illi hemm karenza serja ta' provi min-naha tal-azjenda intimata u t-Tribunal ma jistax jaghti kreddibilita' lix-xhieda bbazata fuq assunzjonijiet. Ghalhekk jibqa' biss ix-xhieda tar-rikorrent u l-partner tieghu, u l-provi migjuba min-naha taghhom fejn jidher is-saqqu bil-hsara. Dan jaghmel ix-xhieda tar-rikorrent aktar verosimili u probabbli li timmerita li tkun emmnuta.

Illi skond ic-certifkat tal-garanzija, l-azjenda intimata tirrizerva d-dritt li tbiddel jew tissewwi kwalunkwe diffett li jista' jqum matul il-perjodu tal-garanzija, basta li jigu

osservati certi kondizzjonijiet hemm imnizzla. Mill-provi ma jirrizultax li r-rikorrent naqas li josserva xi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet imsemmija, kwindi l-garanzija baqghet vigenti u l-azjenda intimata kienet obbligata jew tbiddel jew issewwi. Ir-rikorrent originarjament kien talab li s-saqqu jissewwa, izda kien l-istess Carmel Grixti li qal li s-saqqu ma setax jissewwa u ghalhekk ma kienx fadal triq ohra hlief li dan is-saqqu jinbidel. Ir-rikorrent pero' mhuwiex qed jitlob il-bdil tas-saqqu izda rifuzjoni tal-prezz totali. It-Tribunal ma jidhirlux illi jista' jakkorda din it-talba fl-intier taghha peress illi tajjeb jew hazin, is-saqqu ntuza ghal tlett snin u nofs, u ghalhekk jimmerita moderazzjoni fit-talba maghmula.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikkundanna lill-azjenda intimata li tirrifondilu l-ammont ta' €350.00, bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru